MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 630/2003

**John Desira**

**vs**

**Silvio Sammut u Joseph Zammit bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' Z.S. Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sittin lira Maltija (Lm360.00) rapprezentanti senserija fuq il-bejgh tax-xarabank EBY-573;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tal-14 ta' Novembru, 2002 u tas-6 ta' Dicembru, 2002 u bl-imghax, ilkoll kontra l-konvenuti nominee ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti nominee fid-9 ta' April, 2003, fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-attur ircieva s-senserija kollha li huwa ntitolat ghaliha skond il-ligi;**
**ii. Illi ghalhekk isegwi li l-konvenuti nominee mhumiex debituri ta' l-attur;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' John Desira, in-Nutar Dr. Isabelle Gonzi, Giuseppi Garcia u Silvio Sammut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda talba ghall-senserija fuq trasferiment ta' xarabank. It-trasferiment sar bejn il-konvenuti nomine, il-bejjiegha, u Joseph Garcia u martu Annie, l-akkwirenti.**
**2. Dan it-trasferiment jirrizulta mill-ftehim redatt minn Nutar Dr. Isabelle Gonzi datat 13 ta' Awissu, 2002.**
**3. Meta sar dana l-att, gie stipulat is-segwenti: "Senserija tithallas lil John Desira skond il-Ligi u cioe` fis-somma ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm720) u cioe` tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360) da parti tal-vendituri nomine u tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360) da parti tax-xerrejja."**
**4. Fil-Ligi l-hlas ta' senserija hu regolat bl-Artikoli 1361 u 1362 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 1362 jipprovdi li d-dritt fuq hwejjeg mobbli huwa ta' wiehed fil-mija.**
**5. Il-kwsitjoni f'dan il-kaz huwa li hemm divergenza f'dak li ntqal fl-iskrittura, fis-sens illi filwaqt illi jintqal li s-senserija ser tithallas skond il-Ligi, hemm imsemmi l-ammont ta' seba' mija u ghoxrin lira fuq prezz ta' sitta u tletin elf lira (Lm36,000). Pero` ghandu jinghad wkoll li l-Artikolu 1362, jistipula dak il-persentagg: "jekk ma jkunx hemm ftehim….".**
**6. Il-fatt li l-konvenuti nomine ffirmaw il-ftehim, fejn issemmew specifikatament dawk l-ammonti, huwa konferma tal-ftehim li kien hemm. Kif xehedet in-**

**Nutar Dr. Gonzi, tiftakar li kienet qamet problema dwar is-senserija wara li gie ffirmat il-kuntratt. In-Nutar ikkonfermat li l-ammont ta' Lm360 minn kull parti kienu semmewha dak il-hin quddiemha. Fic-cirkostanzi it-Tribunal qed iqies li ma hemm xejn li jwaqqa' l-ftehim ffirmat mill-partijiet dwar l-ammont tas-senserija, li ghalhekk huwa dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltija (Lm360.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-4 ta' Marzu, 2003.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tal-14 ta' Novembru, 2002 u tas-6 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------